**15 ta' Ġunju, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**– President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Benedict Farrugia

*versus*

Angelo Bezzina *et*

## Appell – Deżerzjoni – Proċeduri bil-Miktub

*Jekk tgħaddi sena mid-data tal-preżentata tal-petizzjoni ta' l-Appell u f'dak il-perijodu la l-Atti jkunu magħluqa u anqas ma tpoġġiet fuq il-lista, l-Appell mar irremedjabilment deżert. Rassenja utli tal-ġurisprudenza fuq il-materja.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ mogħtija

fid-29 ta' Jannar, 1976 (kopja tagħha tinsab a fol. 67 *et seq.* tal-proċess) fejn hemm miġjub riassunt tad-domandi ta' l-attur u ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

*Omissis;*

Rat a fol. 89 in-nota ta' l-appell tal-konvenuti kollha u a fol. 90 sa 94 il-petizzjoni ta' l-appell tagħhom li permezz tagħha talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u b'hekk tirriġetta t-talbiet attriċi kif dedotti – bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Rat a fol. 100 sa 102 ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur appellat Angelo Bezzina li biha ssottometta:

1) *in linea preliminari illi s-sentenza appellata mogħtija* mill-Qorti tal-Kummerċ fil-11 ta' Jannar, 1985, għaddiet in ġudikat billi l-appell interpost waqa' fis-6 ta' Frar, 1986 u a tenur ta' l-artikolu 962 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (Kap. 15) (illum 963 tal-Kap. 12);

2) bla preġudizzju għas-sottomissjoni preliminari s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

Rat l-atti tal-kawża li huma rilevanti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi dak li ser jiġi deċiż b'din is-sentenza hi s-sottomissjoni

ta' l-appellati li s-sentenza appellata għaddiet in ġudikat billi a tenur ta' l-artikolu 963 tal-Kap. 12 l-appell waqa' deżert;

Issa l-artikolu 963(1) tal-Kap. 12 jiddisponi li bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 416 u 420, il-proċedura bil-miktub f'kull kawża fil-Qorti fi grad ta' appell għandha tiġi magħluqa fiż-żmien perentorju ta' sena u ż-żmien jibda għaddej *minn dak* in-nhar tal-preżentata tal-petizzjoni għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata;

Issa fil-każ in diżamina l-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenuti ġiet ippreżentata fis-6 ta' Frar, 1985, l-appellat ġie nnotifikat biss fit-2 ta' Settembru, 1986 u r-risposta tiegħu ddaħħlet fid-9 ta' Settembru, 1986, jiġifieri l-proċeduri bil-miktub ingħalqu *ben oltre* s-sena mill-preżentata tal-petizzjoni ta' l-appell;

Issa bl-artikolu 963(3) ta' l-istess Kap. jekk jinstab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża miġjuba fuq il-lista għas-smigħ, m'humiex magħluqa, il-Qorti tista' tordna li din il-kawża terġa' tiġi mqiegħda mal-kawżi fil-proċeduri tagħhom bil-miktub ikunu għadhom mhux magħluqa u tiffissa għall-għeluq ta' dik il-kawża, żmien perentorju ta' mhux aktar minn xahar. Bis-sub-artikolu 4 ta' l-istess artikolu però l-proċeduri bil-miktub għandhom jitqiesu magħluqa kemm-il darba l-parti, li ma tkunx ġiet innotifikata b'att meħtieġ għall-egħluq tal-proċess, tidher waqt is-smigħ tal-kawża u ma tagħtix l-eċċezzjoni li l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa u tgħaddi jew xjentement tħalli lill-ħaddieħor jgħaddi għal atti oħra bla ma tagħti dik l-eċċezzjoni;

Issa f'dan il-każ hemm żewġ fatturi ta' importanza u ċjoè l-ewwel li l-attur appellat ta l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni u t-tieni li l-proċeduri bil-miktub jinsabu magħluqa għalkemm ingħalqu

wara s-sena;

Dan fil-fehma tal-Qorti jfisser li s-sub-artikolu 3 ta' l-artikolu 963 tal-Kap. 12 ma jistax jiġi applikat għaliex mid-dicitura tal-liġi jidher li japplika biss jekk wara li l-appell ikun tpoġġa fuq il-lista tas-smigħ jinstab li l-proċeduri m'humiex magħluqa. Jiġi nnotat li l-istess sub-artikolu ma jgħidx li jinstab li l-atti ma kinux ġew magħluqa fiż-żmien imma li m'humiex magħluqa. Fil-fehma tal-Qorti *una volta* għaddiet is-sena preskritta mil-liġi u f'dak il-perijodu l-atti la ġew magħluqa u anqas ma l-kawża tpoġġiet fuq il-lista, l-appell mar irrimedjabbilment deżert u l-fatt li l-kawża tpoġġiet fuq il-lista wara l-għeluq tas-sena f'każijiet bħal dan ma jistax jiġġjova lill-appellant;

Din il-Qorti fis-sentenza tagħha ta' l-14 ta' Diċembru 1983 *in re* C. Bugeja *et vs* Carmelo Camilleri *et* fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza preċedenti (Kollez. Dec. Vol. XX.II.476, 479 Prim'Awla, Dr. Gio, Carlo Borg *vs* Dr. Ignazju Micallef *et*, 23 ta' Jannar, 1909 u Vol. XXVII.I.259, Appell: "Coleiro *et vs* Busuttil *et* 18 ta' Jannar, 1929) qalet li biex tkun tista' teżerċita l-fakoltà li għandha taħt is-sub-artikolu msemmi li tpoġġi l-kawża ma' dawk li l-proċeduri tagħhom bil-miktub ikunu għadhom mhux magħluqa" jeħtieġ li l-kawża tiġi miġjuba fuq il-lista għas-smigħ qabel ma tkun diġà deżerta minħabba li jkun diġà għadda t-terminu perentorju ta' sena fuq imsemmi. Ara wkoll f'dan is-sens Appell A. Agius *vs* A. Spiteri (Vol. XXIX.I.789) u Appell *Accountant General vs* Anthony Borg deċiż fl-24 ta' Frar, 1988, minn din il-Qorti kif illum komposta;

Fil-każ in diżamina inoltre jiġi wkoll senjalat illi fuq il-kopertina tal-proċess fis-6 ta' Frar, 1986 ġie ddikjarat taħt il-firma ta' L. Gatt li l-appell kien mar deżert f'dik id-data in forza

ta' l-artikolu rilevanti, allura l-artikolu 962 tal-Kodiċi msemmi;

F'dawn iċ-ċirkostanzi u in vista li ġiet mogħtija l-eċċezzjoni relattiva *ad hoc* mill-appellati *din il-Qorti* m'għandhiex alternattiva ħlief li *takkolji* l-istess eċċezzjoni;

Għal dawn il-motivi tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-appellati fuq imsemmija u konsegwentement tiddikjara li l-appell odjern mar deżert fis-6 ta' Frar, *1986 ai termini ta'* l-artikolu 963(1)(5) tal-Kap. 12 (ġà 962(1)(5) tal-Kap. 15) u għalhekk ma tiħux aktar konjizzjoni tiegħu. L-ispejjeż relattivi għall-istess appell ikunu kollha a kariku ta' l-appellanti.